KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 22.7.2009
KUMM(2009) 385 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

Il-qagħda tas-suq tal-prodotti tal-ħalib fl-2009

{SEG(2009) 1050}

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

Il-qagħda tas-suq tal-prodotti tal-ħalib fl-2009

MANDAT:

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju stqarrew li: Il-Kunsill Ewropew iddiskuta s-sitwazzjoni attwali dwar is-suq tal-ħalib. Huwa stieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta analiżi tas-suq dettaljata fix-xahrejn li ġejjin, inklużi alternattivi possibbli biex jiġi stabbilizzat is-suq tal-ħalib, filwaqt li tirrispetta l-eżitu tal-Verifika tas-Saħħa.

SFOND:

Is-sitwazzjoni fis-suq tal-ħalib marret drammatikament għall-agħar f'dawn l-aħħar 12-il xahar. Wara li l-prezzijiet sparaw 'il fuq fl-2007, flimkien mal-prezzijiet għolja tal-ikel in ġenerali, il-prezzijiet naqsu u effettwaw sostanzjalment id-dħul tal-produtturi. Il-prezzijiet għall-ħalib imwassal sal-maħleb niżlu minn 30-40ċ/l għal medja b'koeffiċjent korrettiv għall-UE-27 ta' 24ċ/l, bil-prezzijiet għal bosta produtturi ta' 20-21ċ/l jew inqas. Dan wassal għal ħafna inkwiet fost il-bdiewa tas-settur tal-ħalib u għal bosta dimostrazzjonijiet.

1. INTRODUZZJONI

Din il-Komunikazzjoni tiddeskrivi l-proċess tar-riforma tas-settur tal-ħalib sal-Verifika tas-Saħħa, minħabba li l-Kunsill Ewropew iddetermina l-eżitu tagħha bħala l-bażi għall-istħarriġ ta' miżuri ulterjuri. Fiha analiżi tal-qagħda tas-suq tal-UE u dak internazzjonali, sommarju tal-miżuri tal-Kummissjoni għall-appoġġ tas-suq, strumenti oħra disponibbli għall-Kummissjoni u l-Istati Membri fi ħdan il-leġiżlazzjoni eżistenti u alternattivi għal aktar azzjoni u diskussjoni. Hija akkumpanjata minn Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (DĦPK) b'aktar dettalji.

2. IL-PROĊESS TAR-RIFORMA

2.1. Aġenda 2000 u r-riforma tal-PAK tal-2003

Ir-riforma tas-settur tal-ħalib, konformi mar-riforma tal-PAK in ġenerali, kellha l-għan li l-produzzjoni jkollha orjentazzjoni akbar lejn is-suq. Għalhekk, ġew ridefiniti miżuri ta' intervent bl-implimentazzjoni gradwali ta' prezzijiet tal-intervent aktar baxxi. Bħala kumpens, tqassmu EUR 5 biljun fost il-bdiewa fis-settur tal-ħalib, bħala appoġġ dirett għad-dħul tagħhom u marbutin mal-produzzjoni. Dan issa ġie diżakkoppjat għal kollox u soġġett għall-istandards ambjentali u tas-saħħa pubbblika u tal-annimali (kundizzjonalità). Ġiet ukoll limitata l-kwantità tal-intervent (ix-xiri Komunitarju taż-żejjed tas-suq bi prezzijiet fissi) għal 30 000 tunellata butir u 109 000 tunnellata trab tal-ħalib xkumat kull sena. Il-Kummissjoni tista' madankollu tkompli bl-intervent għal kwantitajiet akbar jekk il-qagħda tas-suq tkun teħtieġ hekk. Fl-aħħar nett, il-kwoti tal-ħalib żdiedu b'1.5% (b'iktar u aktar malajr għal xi Stati Membri) u ġew estiżi sal-31 ta' Marzu 2015.

Dawn il-miżuri kollha kellhom l-għan li jappoġġaw kompetittività akbar u jgħinu lill-produtturi tal-ħalib iħejju rwieħhom għall-sfidi tal-ġejjieni fix-xena internazzjonali, filwaqt li jipprovdu appoġġ għad-dħul tagħhom bis-saħħa ta' ħlasijiet diretti.

2.2. Il-Verifika tas-Saħħa

Wara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Verifika tas-Saħħa u fl-istennija tad-deċiżjonijiet aħħarin dwar il-Verifika tas-Saħħa, kien hemm pressjoni qawwija fil-Kunsill biex jiżdiedu l-possibiltajiet tal-produzzjoni. Bħal riżultat, il-kwoti ġew miżjuda bi 2%. L-eżitu tal-Verifika tas-Saħħa kkonferma l-loġika tar-riformi mill-1992 'il hawn. Il-kwoti tal-ħalib ser jispiċċaw fl-2015. Sabiex jiġi żgurat li l-kwoti jitneħħew gradwalment u b'mod ikkontrollat, dawn se jiżdiedu b'1% kull sena mill-2009 sal-2013, b'miżura addizzjonali (tnaqqis marbut mal-korrezzjoni tal-ammont tax-xaħam) li tkompli tkabbar il-potenzjal tal-produzzjoni. Idealment, dan l-"inżul bla intoppi" għandu jkun żgurat billi l-valur tal-kwoti jitnaqqar biċċa biċċa sakemm jilħaq iż-żero fl-1 ta'April 2015. Il-valur ġa huwa baxx jew qrib iż-żero f'bosta Stati Membri fejn il-produzzjoni qiegħda taħt il-kwoti tagħhom. Barra minn hekk, taħt it-tieni pilastru tal-PAK, l-appoġġ għar-"ristrutturar tas-settur tal-ħalib" intgħaraf bħala tema prijoritarja addizzjonali. Dan jippermetti lill-Istati Membri jużaw fondi addizzjonali mill-modulazzjoni sabiex jappoġġaw lill-bdiewa tas-settur tal-ħalib fit-tħejjija għal tmiem il-kwoti.

Fl-aħħar nett, ġie maqbul li l-Kummissjoni għandha tippreżenta żewġ rapporti dwar is-suq, qabel Diċembru 2010 u Diċmebru 2012 sabiex tara jekk ikunx hemm bżonn miżuri addizzjonali biex jiġi żgurat l-inżul bla intoppi, mingħajr ma jintefgħu dubji fuq il-proċess tat-tneħħija gradwali tas-sistema tal-kwoti.

3. IL-QAGĦDA TAS-SUQ

3.1. Il-qagħda tas-suq sa Lulju 2009

Il-produzzjoni tal-ħalib fl-UE ma żdiditx bħala riżultat taż-żidiet varji fil-kwota. Sal-31 ta' Marzu 2009, il-produzzjoni totali tal-ħalib hija stmata għal 4.2% taħt il-kwota kumplessiva. Id-domanda madankollu naqset kemm fl-UE kif ukoll fis-suq dinji. It-tnaqqis fid-domanda tal-UE kien qiegħed jolqot l-aktar il-prodotti ta' kwalità bħall-ġobon, li huwa partikolarment importanti għaliex aktar minn 40% tal-ħalib tal-UE jiġi pproċessat f'ġobon.

Is-suq dinji juri grad għoli ta' volatilità, minħabba l-fatt li l-kwantitajiet innegozjati huma żgħar meta mqabbla mall-produzzjoni u l-konsum totali. Il-prezzijiet fis-swieq dinjija naqsu konsiderevolemnt minħabba tagħqida ta' żidiet fil-produzzjoni minn forniturі oħra (New Zealand, l-Awstralja, l-Arġentina, il-Brażil u sa ftit ilu anki l-Istati Uniti) u tnaqqis fid-domanda globali marbut mal-kriżi ekonomika

Id-domanda mnaqqsa fl-UE u l-prezzijiet dejjem jaqgħu tas-suq dinji kellhom effett dirett fuq il-prezzijiet tas-suq tal-UE. Ir-riżultat kien li l-prezzijiet tal-ħalib ressqu lejn 21ċ/l u anki inqas f'xi Stati Membri (ara d-DĦPK għal aktar dettalji)

3.2. Il-prezzijiet tal-UE

Fl-2007, il-prezzijiet tas-suq dinji żdiedu sostanzjalment lil hinn mil-livelli ta' intervent tal-UE, u l-prezzijiet tal-UE għolew pari passu magħhom. Fit-tieni nofs tal-2008, il-prezzijiet tas-suq dinji waqgħu taħt il-livelli ta' intervent tal-UE, imsaħħa mid-dollaru Amerikan dgħajjef, u bħalhom reġgħu waqgħu l-prezzijiet tal-UE. Il-Kummissjoni applikat miżuri ta' appoġġ li żammew lill-prezzijiet tal-UE milli jkomplu jaqgħu aktar.

Il-prezzijiet medji tal-UE għall-ħalib nej dejjem kienu b'xi mod ogħla mill-prezz ta' appoġġ ekwivalenti għall-ħalib, ara l-grafika taħt. It-tnaqqis tal-livell tal-intervent ftit li xejn kellu impatt wara r-riforma tal-2003 u l-prezzijiet żdiedu b'mod sinifikanti fl-2007/8. Madankollu, id-domanda kurrenti aktar baxxa ħolqot żbilanċ fis-suq u l-prezzijiet niżlu għall-prezz ekwivalenti tal-appoġġ tal-ħalib, li huwa wisq inqas minn qabel ir-riforma tal-2003.



Bil-prezz medju kurrenti tal-UE għall-ħalib ta' madwar 24 ċ/l b'varjazzjoni sinifikanti bejn l-Istati Membri (ara d-dettalji dwar il-prezzijiet nazzjonali fid-DĦPK), il-bdiewa xorta jkopru l-ispejjeż varjabbli tagħhom. Billi l-għalf, il-fertilizzanti u prodotti oħra għall-bidu tal-produzzjoni setgħu nxtraw fil-bidu tas-sena u l-ħaxix għadu disponibbli f'bosta reġjuni, il-bdiewa jkomplu jipproduċu l-ħalib sabiex ikunu jistgħu jħallsu sehem akbar tal-ispejjeż fissi tagħhom, li mhumiex koperti għal bosta bdiewa.

3.3. Il-prezzijiet tal-konsumatur kontra l-prezzijiet tal-bdiewa

Iż-żieda fil-prezz tal-komoditajiet tul it-tieni nofs tal-2007 iġġenerat żieda rapida fil-prezzijiet tal-produtturi tal-ħalib u żieda qawwija fil-prezzijiet tal-konsumatur li laħqu quċċata fir-Rebbiegħa tal-2008. Bil-maqlub ta' dan, il-waqgħa aċċentwata fil-prezzijiet tal-komoditajiet tal-ħalib sa minn tmiem l-2007 (-39% għall-butir, -49% għat-trab tal-ħalib xkumat, -18% għall-ġobon, -31% għall-ħalib), wassal biss għal tnaqqis żgħir fil-prezzijiet tal-konsum tal-prodotti tal-ħalib ta' xi 2%. In-nuqqas ta' aġġustament tal-prezzijiet tal-konsumatur għall-waqgħa fil-prezzijiet mal-ħruġ mill-fabbrika huwa aktar lampanti meta vvalutat fuq perjodu itwal ta' żmien: filwaqt li l-prezzijiet ex-fabbrika tal-biċċa l-kbira prodotti tal-ħalib issa waqgħu taħt il-livelli tagħhom ta' qabel il-qabża fil-prezzijiet, il-prezzijiet tal-konsumatur tas-settur tal-ħalib baqgħu fuq livelli għoljin (aktar minn 14% qabel iż-żieda fil-prezz).

Jista' jkun hemm bosta raġunijiet għala l-prezzijiet tal-ħalib għall-konsumatur baqgħu stabbli filwaqt li l-prezzijiet tal-ħalib u l-prezzijiet ex-fabbrika naqsu, billi l-ħalib huwa biss wieħed fost l-ispejjeż fil-prezz tal-prodotti tal-ħalib għall-konsumatur. Madankollu, id-daqs, id-dewmien u l-asimettrija fl-aġġustament 'l isfel tal-prezzijiet tal-prodotti tal-ħalib għall-konsumatur – li huwa partikolarment immarkat f'xi Stati Membri – juri biċ-ċar li l-katina tal-provvista tal-UE tal-prodotti tal-ħalib ma taħdmix b'mod effiċjenti. Meta l-konsumatur jinżamm milli jgawdi minn prezzijiet orħos, jitrażżan l-iżvilupp tad-domanda għall-prodotti tal-ħalib u b'hekk jixxekklu s-saħħa u r-rata tal-irkupru tas-settur tal-ħalib. Din il-qagħda

tqajjem ukoll tħassib serju dwar it-tqassim tal-valur miżjud fil-katina bejn il-bdiewa, il-fabbriki tal-ipproċessar tal-ħalib, l-industrija tal-prodotti tal-ħalib u l-bejjiegħa bl-imnut.

Grafika 2 Żviluppi fl-indiċi tal-prezzijiet fi stadji differenti tal-katina provvista tal-prodotti tal-ħalib tal-UE (Jan 2000=100)



Nota: Il-prezzijiet għall-konsumatur tal-kategorija "ħalib, ġobon u bajd" ma jkoprux il-prezz tal-konsumatur tal-butir.

It-titjib fl-effettività u l-effiċjenza tal-katina tal-provvista tal-prodotti tal-ħalib jidher essenzjali sabiex titjieb il-kompetittività tagħha, jitliġġem it-tnaqqis tal-prezzijiet tal-prodouttur, u jiġi żgurat li l-bidliet fil-prezz jgħaddu lill-konsumatur aħħari. Dan se jistrieħ fuq li jiġu inidrizzati ċerti kwistjonijiet, fosthom in-nuqqas ta' dejta komprensiva u affidabbli dwar il-prezzijiet u l-marġnijiet fil-katina alimentari kollha kemm hi. Trasparenza akbar, fehim aħjar tad-distribuzzjoni tal-valur miżjud u t-trażmissjoni tal-prezz, u idea aktar ċara tal-fatturi strutturali jafu jkunu l-ewwel pass sinifikanti fl-identifikazzjoni tal-miżuri x-xierqa li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib tal-effiċjenza tal-katina tal-provvista tal-prodotti tal-ħalib u jiggarantixxu eżitu ġust għall-partijiet kollha (ara l-punt 10) Dan imbagħad jista' jikkontribwixxi għas-setgħa tal-kontrobilanċ tal-partiiet ikkonċernati.

3.4. Żviluppi tas-suq: f'qasir żmien u fiż-żmien mezzan

Il-perspettivi f'qasir żmien jibqgħu ddominati mill-kriżi ekonomika. Il-prospetti għas-swieq tal-ġobon u l-prodotti tal-ħalib friski b'valur miżjud huma determinati minn domanda mliġġma tal-UE u dinjija u juru tnaqqis fil-produzzjoni fl-2009 u titjib marġinali fl-2010 xprunat minn irkupru żgħir fid-domanda. Billi mhuwiex mistenni li l-prezzijiet tas-suq tal-UE u dinji jirpiljaw biżżejjed f'qasir żmien, huwa pproġettat li l-akkumulazzjoni tal-ħażniet tal-intervent għall-butir u t-trab tal-ħalib xkumat tibqa' fl-2009 u l-2010. Barra minn hekk, ir-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni jistgħu għalissa jikkontribwixxu biex jibbilanċjaw is-suq tal-UE, minkejja li d-domanda dinjija baxxa u l-kompetizzjoni qawwija minn esportaturi bi prezzijiet aktar baxxi tillimita l-potenzjal tal-esportazzjoni tal-UE.

Il-prospettiva għaż-żmien mezzan u ż-żmien fit-tul għas-suq tal-prodotti tal-ħalib tal-UE mistennija tibqa' pożittiva fid-dawl tal-irkupru ekonomiku eventwali, u dan għandu jgħin biex tiġi sostnuta ż-żieda fid-domanda għal prodotti tal-ħalib b'valur miżjud ogħla.

4. IN-NAĦA TAD-DOMANDA

4.1. Azzjoni li ttieħdet mill-Kummissjoni: miżuri ta' appoġġ għas-suq

Il-Kummissjoni għarfet maljar il-gravità tas-sitwazzjoni tas-suq tal-prodotti tal-ħalib minħabba

a) L-għajnuna għall-ħżin privat tal-butir bdiet fil-bidu ta' Jannar, xahrejn iktar kmieni mis-soltu. Miftuħa sal-15 ta' Awwissu u sat-28 ta' Ġunju, inħażnu 105 800 tunnellata, 14 000 tunnellata inqas mill-2008.

b) Ir-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ġew attivati mill-ġdid għall-prodotti kollha tal-ħalib għad-destinazzjonijiet tas-soltu fit-23 ta' Jannar (f'konformità sħiħa mal-impenji internazzjonali tal-UE). Minn mindu ddaħħlu r-rifużjonijiet, l-UE rnexxielha żżomm l-esportazzjonijiet fuq bejn wieħed u ieħor l-istess livell tas-sena ta' qabel. Madankollu, f'Ġunju, kien hemm waqgħa qawwija fid-domanda għal-liċenzji tal-esportazzjoni, li jista' jindika tidgħjif ulterjuri tad-domanda tas-suq dinji.

c) Ix-xiri ta' intervent beda fl-1 ta' Marzu għall-butir u t-trab tal-ħalib xkumat.

- Inxtraw 81 900 tunnellata ta' butir, madwar 8% tal-produzzjoni tal-butir għal Jannar-Ġunju. Lil hinn mil-limitu ffissat tal-prezz ta' 30 000 t, ġew aċċettati offerti sa 99.2% tal-prezz iffissat ta' referenza ta' EUR 2 218/t.
- Inxtraw 231 000 tunnellata ta' trab tal-ħalib xkumat, madwar 43.5% tal-produzzjoni tat-trab tal-ħalib xkumat ta' Jannar-Ġunju 2009. Lil hinn mil-limitu ffissat tal-prezz ta' 109 000 t, ġew aċċettati offerti sa 98.9% tal-press iffissat ta' referenza ta' EUR 1 698/t. Il-ħlasijiet ġew avvanzati minn xahrejn għal tliet xhur.

Il-ħażna tal-butir ta' 81 900 t hija ekwivalenti għal 1.1% tal-produzzjoni tal-ħalib tal-UE, u l-ħażna tat-trab tal-ħalib xkumat ta' 203 000 t hija ekwivalenti għal 1.8% tal-produzzjoni tal-ħalib tal-UE.

4.2. Implikazzjonijiet għall-baġit

L-ispiża totali stmata ta' dawn il-miżuri sa llum hija ta' madwar EUR 350 miljun. Parti ewlenija tan-nefqa għadha ma tħallsitx (eż. id-dewmien fil-ħlas tar-rifużjonijiet wara l-ħruġ tal-liċenzji). Madankollu, l-ispejjeż totali stmati ta' dawn il-miżuri previsti, inkluż l-estensjoni tal-intervent, hija ta' aktar minn EUR 600 miljun.

4.3. Miżuri oħra għall-appoġġ għas-settur tal-produzzjoni tal-ħalib

a) Standards tal-kummerċjalizzazzjoni

Id-definizzjonijiet tad-dritt Komunitarju jeħtieġu li l-prodotti tal-ħalib (inkluż il-ħalib, il-butir, il-krema, ix-xorrox, il-jogurt u l-ġobon) ikunu 100% bbażati fuq il-ħalib. Id-dehra fis-suq ta' prodotti sostituti bħall-hekk imsejjaħ ġobon "analogu" jew ġelat fejn ix-xaħam tal-ħalib huwa sostitwit minn żjut veġetali ikompli jnaqqar il-possibbiltajiet fi ħdan is-suq għall-prodotti tal-ħalib.

Fir-rigward ta' denominazzjonijiet eżistenti tal-prodotti tal-ħalib, l-Istati Membri jridu jieħdu azzjoni proattiva sabiex jinfurzaw id-definizzjonijiet tal-prodotti tal-ħalib biex jevitaw aktar ħsara lis-suq ta' dawn il-prodotti.

b) Miżuri oħrajn

Fir-rigward tal-ħalib għall-iskejjel, l-iskema dan l-aħħar ġiet adattata u saret aktar sempliċi, u ġiet estiża għall-iskola sekondarja bi tkabbir tal-kopertura tal-prodott. F'dan ir-rigward, għaddejjin diskussjonijiet dwar kif l-iskema tista' ssir aktar attraenti (per eżempju, l-inklużjoni ta' prodotti b'75% ħalib u 25% kontenut ta' frott). Fir-rigward tal-għajnuna għat-trab tal-ħalib xkumat, l-analiżi turi li għajnuna għall-produzzjoni ta' dan it-tip mhijiex ekonomikament ġustifikabbli (ara aktar dettali fid-DĦPK).

5. AKTAR AZZJONIJIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-APPOĠĠ TAL-BDIEWA FIS-SETTUR TAL-ĦALIB U OĦRAJN

a) Ħlasijiet diretti bil-quddiem

Il-Kummissjoni se tippermetti lill-Istati Membri jħallsu sa 70% tal-ħlasijiet diretti mis-16 ta' Ottubru minflok mill-1 ta' Diċembru. L-Istati Membri jistgħu wkoll jiggarantixxu għajnuna tal-Istat *de minimis* jew self b'kundizzjonijiet tas-suq sabiex jgħinu l-produtturi tal-ħalib bi problemi ta' likwiditá.

b) Promozzjoni

F'Lulju, il-Kummissjoni se tipproponi lil Kumitat ta' Ġestjoni sensiela oħra ta' programmi ta' promozzjoni tal-prodotti tal-ħalib fis-suq intern, bi proposti lill-Istati Membri sat-30 ta'Settembru, twassil lill-Kummissjoni sal-15 ta' Ottubru, u deċiżjonijiet tal-Kummissjoni sal-15 ta' Diċembru (ara aktar dettalji fid-DĦPK).

c) Intervent

Fit-13 ta'Lulju, il-Kummissjoni ppreżentat proposta biex tkompli x-xiri ta' intervent għall-butir u t-trab tal-ħalib xkumat wara Awwissu, fuq bażi temporanja għall-2009/10 u potenzjalment 2010/11.

Il-ħażniet ta' intervent se jibqgħu maħżuna sakemm is-suq intern jew dinji jkun jista' jassorbihom mingħajr tfixkil.

d) Ħżin privat

Il-ħżin privat se jiġi estiż lil hinn mill-15 ta' Awwissu.

e) Rifużjonijiet

Il-Kummissjoni se tkompli tipprovdi rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni fuq bażi oġġettiva sakemm ikun hemm bżonnhom.

f) Rapport kull tliet xhur

Il-Kummissjoni se tirrapporta dwar is-suq tal-ħalib kull tliet xhur lill-Kunsill.

6. IL-BAĠIT TAL-PAK GĦALL-2010

L-Abbozz Preliminari tal-Baġit għall-2010 jħalli marġni teoretiku għall-immanuvrar ta' EUR 1 000 miljun għal miżuri tas-suq u għajnuniet diretti, iżda EUR 300 miljun ta' dan l-ammont għandhom, b'konformità mal-ġestjoni baġitarja xierqa, jinżammu taħt is-sub-limitu. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew se jiddeċidu aktar tard din is-sena dwar il-baġit aħħari tal-2010 flimkien mad-deċiżjoni li għadha pendenti dwar l-iffinanzjar tal-EUR 2 400 miljun fil-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku. Il-Pjan ta' Rkupru diġà jipprevdi li EUR 420 miljun addizzjonali għandhom jiġu rriżervati għall-Intestatura 2 fl-2010 għall-iżvilupp rurali, inklużi miżuri għar-ristrutturar tas-settur tal-prodotti tal-ħalib.

Il-possibbilità li jiġu ffinanzjati miżuri ġodda fis-settur tal-prodotti tal-ħalib għas-sena tal-baġit 2010 tidher għalhekk pjuttost limitata. Bħala parti mill-proċedura annwali tal-baġit fil-Ħarifa, il-Kummissjoni sejra ovvajment teżamina l-konsegwenzi kollha għall-baġit tal-2010 fl-Ittra ta' Emenda għan-nefqa agrikola. Fis-sena tal-baġit 2011, il-marġni għall-immanuvrar huwa limitat b'mod simili, l-aktar minħabba li jkunu qed jiddaħħlu l-għajnuniet diretti għall-UE-12.

7. MIŻURI GĦAT-TNAQQIS TAL-PROVVISTA

7.1. Bidliet lir-regolament tal-kwoti

Bidliet fis-sistema tal-kwoti ma jkunx qed josservaw l-eżitu tal-Verifika tas-Saħħa billi dawn il-kwistjonijiet ġew diskussi fil-fond waqt in-negozjati. Dan għalhekk jeskludi ideat bħat-tnaqqis tal-kwota b'5% jew l-iffriżar taż-żidiet fil-kwoti. Miżuri bħal dawn ma jkollhom l-ebda effett immedjat, billi ma jkunux jistgħu jiġu applikati qabel is-sena l-ġdida tal-kwoti fl-1 ta' April 2010, minħabba l-istennijiet leġittimi tal-produtturi.

7.2. Il-ġestjoni tal-kwoti fuq il-livell tal-prodottur individwali

Hemm diġà ħafna sussidjarjetà inkorporata fis-sistema tal-kwoti għall-prodotti tal-ħalib li tippermetti lill-Istati Membri jmexxu l-kwoti nazzjonali skont kriterji oġġettivi u l-ħtieġa u l-istrutturi speċifiċi tagħhom (ara d-DĦPK).

Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kwoti fuq livell individwaili skont id-dritt Komunitarju kurrenti, jeżistu żewġ sitwazzjonijiet:

1) Jekk il-kwota nazzjonali tinqabeż, l-Istati Membri jistgħu jużaw iż-żejjed tal-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-produtturi biex jiffinanzjaw l-irtirar volontarju mill-produzzjoni tal-ħalib jew iqassmuh lill-gruppi prijoritarji, iżda

2) Jekk il-kwota nazzjonali ma tinqabiżx, il-ħlasijiet bil-quddiem miġbura mill-Istati Membri jitħallsu lura lill-produtturi individwali.

Alternattiva tkun li, fuq bażi temporanja, jiġifieri s-sena tal-kwota 2010/2011, l-Istati Membri jitħallew jużaw iż-żejjed tal-produzzjoni fit-tieni minflok fl-ewwel każ. Dan kieku jħalli lill-Istati Membri li jkunu jixtiequ hekk, irażżnu l-produzzjoni billi jippenalizzaw il-produtturi li jaqbżu l-kwota individwali tagħhom favur ristrutturar tas-settur tal-prodotti tal-ħalib. Il-Kummissjoni se tirrifletti dwar l-aktar mod effiċjenti ta' kif dan jista' jiġi implimentat.

7.3. L-Iskema tal-UE tal-Qtil tal-Baqar

L-aktar mod dirett li bih titnaqqas il-provvista huwa l-eliminazzjoni tal-produzzjoni qabel ma ssehħ bis-saħħa tat-tnaqqis tal-għadd tal-baqar (mhux bilfors merħliet sħaħ). Madankollu, effett immedjat jista' jintlaħaq biss bil-qtil tal-baqar b'sussidju tal-UE. Ikun diffiċli li jiġi ġġustifikat l-infiq ta' flus mit-taxxi għal miżura bħal din. (Ara aktar dettalji fid-DĦPK).

8. MIŻURI GĦALL-APPOĠĠ TAD-DĦUL

8.1. Iż-żieda fil-prezzijiet tal-intervent

Il-prezzijiet kurrenti tas-suq laħqu, għall-ewwel darba mill-2003, l-aktar prezz ta' intervent baxx deċiż waqt Aġenda 2000 u r-riforma tal-2003. Madankollu, mhix alternattiva ż-żieda tal-prezzijiet tal-intervent. Politika bħal din tkun tfisser l-kuntrarju totali tal-aħħar 15-il sena ta' riformi PAK lejn l-orjentazzjoni għas-suq u l-iżgurar li l-prezzijiet ta' intervent imnaqqsa jservu tal-lqugħ fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux ikunu karatteristika permanenti

tas-suq. Żgur ma tkunx konformi mal-Verifika tas-Saħħa, għaliex iżżid il-valur tal-kwoti, kontra l-għan li jitnaqqsu kekk kif resqin lejn it-tmiem tagħhom.

Barra minn dan, ikun hemm problema sew politika sew prattika billi l-bdiewa tas-settur tal-ħalib irċevew ħlas diżakkopjat (3.5 ċ/kg) fuq il-bażi tal-prezzijiet tal-intervent imnaqqsa. L-ammonti diżakkoppjati ma jistgħux jintraddu lura billi bosta bdiewa waqqfu mill-biedja fis-settur tal-ħalib bejn l-2004 u issa, u l-primjum għall-prodotti tal-ħalib qiegħed inkluż fil-ħlas uniku għall-farm.

8.2. Ir-ridistribuzzjoni tal-għajnuniet diretti – appoġġ speċifiku

Id-dispożizzjonijiet ipprovduti fl-Artikolu 68 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 se jippermettu grad ta' ridistribuzzjoni tal-ħlasijiet diretti bejn il-bdiewa, is-setturi u r-reġjuni fi ħdan Stat Membru. L-Istati Membri jistgħu jwaqqfu skemi sabiex itejbu l-kwalità u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli u jtejbu l-ambjent jew il-benessri tal-annimali. B'mod aktar speċifiku u sabiex wieħed jilqa' għall-konsegwenzi tat-tneħħija gradwali tal-kwoti tal-ħalib, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu għajnuniet speċifiċi għal żoni jew tipi vulnerabbli ta' biedja fis-settur tal-prodotti tal-ħalib.

L-Istati Membri għandhom il-possibbiltà japplikaw miżuri diżakkoppjati (l-għoti ta' intitolamenti għall-ħlas għat-trab tal-ħalib xkumat, jew it-tkabbir tal-valur tiegħu) f'żoni fi ħdan programmi ta' ristrutturar jew żvilupp, sa livell ta' 10% tal-allokazzjoni SPS u SAPS, li tirrappreżenta madwar EUR 4 000 miljun.

Fi ħdan il-limiti ta' 10%, 3.5% jista' jiġi akkoppjat, u jirrappreżenta madwar EUR 1 400 miljun..

Id-deċiżjonijiet tal-Istati membri dwar l-appoġġ speċifiku huma meħtieġa sal-1 ta' Awwissu 2009. Madankollu, l-Istati Membri li jixtiequ jimplimentaw appoġġ speċifiku mill-2011 jistgħu xorta jiddeċiedu li jagħmlu dan sal-1 ta' Awwissu 2010. Ir-Regolament tal-Kunsill jipppermetti lill-Istati Membri jirrevedu d-deċiżjonijiet tagħhom sal-1 ta' Awwissu 2011. Jekk dan joħloq diffikultajiet, jista' jitqies il-ħsieb li dawn id-dispożizzjonijiet isiru aktar flessibbli.

Il-Verifika tas-Saħħa wessgħet ukoll l-ambitu tal-għajnuna mill-Istat lill-bdiewa fis-settur tal-ħalib. Sabiex jiġi evitat it-tnaqqis tal-ħlasijiet lill-bdiewa aktar milli jkun neċessarju, l-Istati membri jistgħu jiffinaznjaw sa 55%, fi ħdan il-limitu ta' 3.5%, bis-saħħa ta' għajnuna mill-Istat speċifika lill-bdiewa tas-settur tal-ħalib.

8.3. L-għajnuniet mill-Istat

Bħala konsegwenza tal-kriżi finanzjarja, il-bdiewa jiltaqgħu ma' diffikultajiet akbar biex jingħtaw il-kreditu. Il-miżuri tal-Qafas Temporanju għall-Għajnuna mill-Istat sabiex jiġi appoġġat l-aċċess għall-finanzjament jipprevedi li għajnuna li ma taqbiż għotja ta' flus ta' EUR 500 000 tista' tingħata lill-impriżi sal-31.12.2010, iżda bħalissa teskludi l-produttri agrikoli primarji. Kull għajnuna *de minimis* li jkunu diġà rċevew l-impriżi individwali mill-bidu tal-2008 għandha titnaqqas minn dan l-ammont. Fid-dawl tal-problemi eċċezzjonali u tranżitorji tal-finanzjament marbuta mal-kriżi finanzjarja, tista' tiġi eżaminata modifika li tipprovdi possibbiltà simili għall-bdiewa, imma fuq livell sostanzjalment aktar baxx sabiex jiġi evitat it-tagħwiġ tal-kompetizzjoni fis-settur agrikolu.

Għall-bdiewa, ammont limitat separat ta' għajnuna jista' jiġi introdott bl-emendar tal-punt 4.2.2. tal-Qafas Temporanju. Ammont ta' EUR 15 000 jista' jkun xieraq biex iliġġem it-tagħwiġ tal-kompetizzjoni bejn l-impriżi agrikoli misjuba f'divesri Stati Membri. Din l-għajnuna jgawdu minnha l-prodotturi kollha, mhux tas-settur tal-ħalib biss. Proċedura ta' urġenza tkun possibbli għall-emendar tal-Qafas Tempornaju u l-approvazzjoni sussegwenti

tal-iskemi nazzjonali tal-għajnuna notifikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 87(3)(b) tat-Trattat.

(Ara aktar dettalji fid-DĦPK).

9. IR-RISTRUTTURAZZJONI TAS-SETTUR TAL-PRODOTTI TAL-ĦALIB

Il-PAK għandha għadd ta' strumenti disponibbli għall-għajnuna għar-ristrutturar fis-settur tal-prodotti tal-ħalib. Dawn huma disponibbli lill-Istati Membri bħala alternattiva.

9.1. Żvilupp Rurali

Il-politika tal-Iżvilupp Rurali ma għandhiex l-għan li tagħti appoġġ immedjat għad-dħul iżda tipprovdi alternattivi li jappoġġaw lill-bdiewa fis-settur tal-prodotti tal-ħalib biex isiru aktar kompetittivi u biex tinżamm il-produzzjoni tal-ħalib f'reġjuni tradizzjonalment marbuta ma' din il-produzzjoni li tikkontribwixxi għaż-żamma tal-kampanja.

Il-fondi tal-UE għall-iżvilupp rurali fl-2007-13 huma ta' EUR 91.3 biljun b'madwar EUR 70 biljun oħra ta' appoġġ pubbliku nazzjonali. Il-Pakkett tal-Verifika tas-Saħħa u tal-Irkupru żied EUR 4.2 biljun sabiex jindirizza sfidi ġodda. "Ir-ristrutturar tas-settur tal-prodotti tal-ħalib" ġie identifikat bħala waħda mill-isfidi l-ġodda.

L-alternattivi fi ħdan l-iżvilupp rurali għall-prodotturi fis-settur tal-ħalib jinkludu:

- Appoġġ għall-investiment, eż. it-titjib tal-effiċjenza tal-produzzjoni tal-ħalib jew tal-benessri tal-annimali,
- Ħlasijiet għall-bdiewa fis-settur tal-ħalib f'Żoni Anqas Vantaġġati;
- Appoġġ għal forom ta' produzzjoni ta' prodotti tal-ħalib li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, eż. produzzjoni organika, ġestjoni tal-mergħat b'inqas użu tal-fertilizzant jew ġestjoni tal-mergħat fuq il-muntanji,
- Appoġġ għall-prattiki speċifiċi għat-trobbija tal-bhejjem li jtejbu l-benessri tal-annimali eż. primjums għar-ragħa,
- Appoġġ għad-diversifikazzjoni tal-attiviatjiet, eż. appoġġ għal ħwienet fuq il-farm jew għall-produzzjoni ta' enerġija li tiġġedded,
- Appoġġ għall-bdiewa fis-settur tal-ħalib li jkunu jixtiequ jħallu s-settur, inkluż possibblilment l-irtirar kmieni.

Barra minn hekk, bħala element ulterjuri għar-ristrutturar tas-settur tal-prodotti tal-ħalib, l-Istati Membri jistgħu jippromwovu l-formazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur.

9.2. Miżuri oħrajn ta' ristrutturar:

Kif imsemmi f'8.2, ir-ristrutturar fis-settur tal-prodotti tal-ħalib **jista' wkoll jiġi inkoraġġit** billi jingħata appoġġ speċifiku skont l-Artikolu 68. Il-miżuri tal-Qafas Temporanju għall-Għajnuna mill-Istat sabiex jiġi appoġġat l-aċċess għall-finanzjament jipprovdi għall-perjodu sal-2010 strumenti ulterjuri għall-għajnuna (partikolarment rati tal-imgħax sussidjati u garanziji għas-self) li jistgħu jintużaw biex jistimolaw il-proċess tar-ristrutturar. Barra minn hekk, kif jidher f'7.2, l-Istati membri jistgħu jużaw iż-żejjed tagħhom biex jiffinanzjaw l-irtirar volontarju mill-produzzjoni tal-ħalib jew iqassmuh lill-gruppi prijoritarji.

10. IT-TRASPARENZA TAS-SUQ U L-KOMPETIZZJONI

L-analiżi tas-suq hawn fuq titfa' dawl fuq it-tħassib attwali dwar it-trażmissjoni tal-prezz u d-distribuzzjoni tal-valur miżjud fil-katina alimentari tal-prodotti tal-ħalib bejn il-prodotturi, il-proċessuri u l-bejjiegħa bl-imnut. L-aħjar mod kif jista' jiġi affrontat dan it-tħassib għandu jkun it-tħaddim effettiv u effiċjenti tal-katina tal-provvista, b'mod partikolati billi titjieb it-trasparenza tas-suq u jiġi faċilitat operat aktar ġust tas-suq. L-Awtoritajiet tal-Kompetizzjoni fuq il-livell tal-UE u nazzjonali għandhom jibqgħu viġilanti u jikkooperaw effettivament bil-għan li jindirizzaw prattiki anti-kompetittivi potenzjali li jistgħu jeffettwaw is-swieq tal-prodotti tal-ħalib. Il-bdiewa għandhom jiġu attivament imħeġġa jaħdmu flimkien sabiex itejbu l-effiċjenza tal-operazzjonijiet tagħhom billi jkabbru l-ekonomiji tagħhom tal-kobor u tal-firxa. Dan imbagħad jista' jikkontribwixxi għat-tisħiħ tas-setgħa tal-kontrobilanċ tagħhom fil-konfront ta' proċessuri u bejjiegħa ikbar. Id-djalogu bejn il-partijiet kollha fil-katina alimentari jista' wkoll jiġi stimolat aktar bl-inklużjoni ta' adozzjoni possibbli ta' kodiċi ta' mġiba għal madwar l-Ewropa, kif irrakkommandat mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Kompetittività tal-Industrija Agro-Alimentari. Iżda ma jistax ikun hemm lok għal miżuri anti-kompetittivi bħall-iffisar tal-prezzijiet u restrizzjonijiet fuq il-produzzjoni li jsarrfu f' kartelli qawwijin, tikkettar nazzjonali tal-prodotti jew rekwiżiti nazzjonali tal-oriġini.

10.1. It-trasparenza tas-suq

Il-Kummissjoni qed timplimenta l-pjan propost fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Prezzijiet tal-Ikel fl-Ewropa. Ir-rapport aħħari mistenni għal tmien l-2009, inkluża analiżi speċifika tal-katina alimentari fis-setturi tal-prodotti tal-ħalib u tal-laħam tal-majjal.

Mingħajr ma jiġi antiċipat l-ambitu kollu, ta' min wieħed jinnota li informazzjoni aktar trasparenti dwar il-prezz tista' tiffaċilita l-infurzar tad-dritt tal-kompetizzjoni u l-għażla tal-konsumaturi. Sistema Ewropea permanenti għall-monitoraġġ tal-prezzijiet tal-ikel tista' titwaqqaf, b'tagħrif komparabbli dwar il-prezz u l-kwalità fil-livelli tal-produzzjoni, l-ipproċessar u l-bejgħ bl-imnut, kif hemm fil-pjan imsemmi. Dan għandu jkopri s-setturi kollha, mhux biss tal-prodotti tal-ħalib, bis-saħħa ta' mekkaniżmi ta' rappurtar statistiku mmexxija mill-Eurostat.

Sadattant, ma jidhrix siewili jiġi rreplikat ir-rappurtar tad-dejta dwar il-prezzijiet lill-Eurostat mill-Istati Membri (sal punt li bħalissa huma jiġbru dan it-tip ta' dejta) bil-ħolqien ta' sistemi apposta fis-settur tal-prodotti tal-ħalib. L-Istati Membri jistgħu madankollu jsaħħu s-servizzi statistiċi tagħhom sabiex jiġbru dejta aktar kompluta fil-livelli kollha tal-katina alimentari.

10.2. Il-kompetizzjoni

Il-Kummissjoni, immexxija mid-DĠ Kompetizzjoni, qed tistħarreġ prattiki anti-kompetittivi potenzjali fil-katina tal-provvista tal-ikel, speċjalment fis-settur tal-prodotti tal-ħalib. Il-politika dwar il-kompetizzjoni għandha sehem ewlieni fiż-żamma ta' ambjent ekwu u biex tara li l-kompetizzjoni f'dan is-settur ma ssofrix distorsjonijiet. Jekk il-Kummissjoni tara li l-kompetizzjoni mhix qed taħdem sew, mhix se toqgħod lura milli taġixxi bl-użu tas-setgħat kollha tagħha skont it-Trattat. L-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni għandhom setgħat simili u għandhom sehem daqstant importanti fl-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni minħabba l-partikolaritajiet tas-swieq nazzjonali. Huwa għalhekk li l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn is-servizzi se tissaħħaħ formalment bis-saħħa ta' djalogu msaħħaħ fin-Netwerk Ewropew tal-Kompetizzjoni u permezz ta' aktar diskussjonijiet informali. Fil-laqgħa tas-sottogrupp dwar l-ikel tan-NEK kmieni f'Lulju, ġie rakkomandat stħarriġ aċċelarat dwar is-swieq tal-prodotti tal-ħalib sabiex iqanqal u jikkordina monitoraġġ u ġbir ta' dejta simultanji mill-awtoritajiet nazzjonali dwar il-kompetizzjoni. Se jitwaqqaf grupp ta' ħdima għal dan il-għan.

Il-partijiet fis-suq għandhom ukoll ikollhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza tagħhom. Bosta bdiewa fis-settur tal-prodotti tal-ħalib qegħdin ġa organizzati f'kooperattivi tal-proċessuri li jistgħu jfittxu modi aħjar ta' kif jadattaw il-ħalib tal-membri tagħhom għad-domanda preżenti u tal-ġejjieni. Il-bdiewa jistgħu wkoll jikkoperaw b'mod aktar effettiv bis-saħħa tal-organizzazzjoniet tal-produtturi biex ikabbru s-setgħa tal-kontrobilanċ tagħhom fil-konfront tal-proċessuri u l-bejjiegħa bl-imnut

Organizzazzjonijiet li jlaqgħu setturi differenti u li jinvolvu l-partijiet kollha tal-katina alimentari tal-prodotti tal-ħalib jistgħu wkoll irawmu djalogu siewi utli bejn il-partijiet kollha attivi fis-swieq tal-prodotti tal-ħalib. Madankollu, inizjattivi bħal kif imsemmi hawn fuq jibqgħu soġġetti għal-limiti u l-kundizzjonijiet stipulati fir-regoli dwar il-kompetizzjoni applikabbli għas-settur agrikolu, u jkun bla preċedent u żgur mhux mixtieq li jiġu permessi prattiki anti-kompetittivi f'liema settur ikun.

Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Monitoraġġ tal-Bejgħ bl-Imnut, il-Kummissjoni qed teżamina wkoll l-aqwa prattiki madwar l-Istati Membri f'termini tar-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-forituri u l-bejjiegħa. Dan għandu jgħin fl-identifikazzjoni ta' mezzi li jtejbu t-termini kuntrattwali u jagħmluhom aktar trasparneti, pereżempju bejn il-kooperattivi tal-bdiewa u s-settur tal-bejgħ bl-imnut.

L-Istati Membri jistgħu jużaw il-possibbiltajiet skont id-dritt Komunitarju biex iħeġġu l-formazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-prodotti tal-ħalib. Pass ulterjuri jkun l-allokazzjoni ta' appoġġ finanzjarju speċifiku għall-ispejjeż tal-operat tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew tal-kummerċjalizzazzjoni.

- Fuq livell Komunitarju, ikunu meħtieġa leġiżlazzjoni tal-Kunsill u riżorsi finanzjarji addizzjonali. Il-fondi għall-organizzazzjonijiet taż-żejt taż-żebbuġa u l-ħopps oriġinarjament ittieħdu mill-ħlasijiet diretti f'dawn is-setturi. Hemm baġit speċifiku għall-frott u l-ħaxix fejn l-appoġġ kollu speċifiku għas-settur jitħallas permezz tal-programmi operattivi tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi. L-ambitu kurrenti tal-leġiżlazzjoni dwar il-ħlasijiet diretti għal dan it-tip ta' appoġġ hu limitat ħafna, anki b'miżuri speċifiċi tal-appoġġ, billi dawn jeħtieġu l-appoġġ biex jitħallsu direttament lill-bdiewa u mhux lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi,
- fuq livell nazzjonali dan jista' jsir b'awtorizzazzjoni għall-għajnuna mill-Istat. Hija diġa permessa l-għajnuna għall-bidu tal-attività lill-gruppi tal-produtturi sa total ta' 5 snin u EUR 400 000 taħt ir-Regolament Agrikolu ta' Eżenzjoni ta' Kategorija u l-Linjigwida dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-Agrikoltura. Dawn ir-regoli jistgħu jiġu emendati sabiex jippermettu għajnuna aktar fit-tul u/jew ammonti ogħla.

11. RIMARKI TAL-GHELUQ

Il-Kummissjoni marbuta li tkompli tappoġġa lill-bdiewa fis-settur tal-prodotti tal-ħalib u tistabilizza dan is-suq bil-mezzi li għandha disponibbli.

Il-katalgu tal-miżuri juri li l-Istati Membri għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom għadd konsiderevoli ta' strumenti sabiex itaffu l-qagħda, jgħinu fil-proċess tar-ristrutturar, u jikkontribwixxu għal inżul bla intoppi għas-settur tal-prodotti tal-ħalib fid-dawl tal-għibien tal-kwoti fl-1 ta' April 2015.

Il-Kunsill Ewropew talab għal alternattivi possibbli għall-istabilizzar tas-suq tal-prodotti tal-ħalib, filwaqt li josserva l-eżitu tal-Verifika tas-Saħħa u għalhekk jeskludi bidliet fil-politika għas-settur tal-prodotti tal-ħalib minħabba diffikultajiet fuq il-medda taż-żmien fil-qosor.

Id-dubji dwar din il-politika joħolqu biss l-inċertezza, idewmu l-proċess tar-ristrutturar u ma jagħtu l-ebda servizz lill-bosta produtturi li għandhom bżonn gwida ċara huma u jippjanaw il-ġejjieni tagħhom. Irridu nkomplu mexjin fit-triq mingħajr ma niżvijjaw, filwaqt li nżommu f'moħħna l-perspettiva għaż-żmien fit-tul.